TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT158/2016

Victor Grech

vs

Top Choice - Robert Tabone

Illum 6 ta Marzu 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-5 ta' Settembru 2016 fejn talab ir rifuzjoni ta' €249.00 prezz ta' cooker mixtri minghand il-konvenut, liema cooker hareg is-sadid, ftit wara li nxtara.

Ra d-debiti notifiki, inkluz dawk tal-konvenut, fejn baqa' ma wegibx ghat-talba tal-attur. u ghalhekk huwa kontumaci.

Sema x-xhieda tal-attur bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi irrizulta mill-provi illi fit-13 ta' Gunju 2014 l-attur xtara cooker "Royal" ghall-ammont ta' €249.00 minghand is-socjeta' intimata. Xi tlett xhur wara beda hiereg is-sadid u l-attur mar ghamel ilment mal-konvenut. Wara hafna titubar u hela ta' zmien, il-konvenut offra kumpens ta' erbghin Euro, izda l-attur ma accettax. Gie ezebit ritratt (Dok VG) fejn jidher is-sadid minn taht l-enamel tal-cooker.

Illi t-Tribunal mghandu l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jemmen il-versjoni tal-attur u r-ritratt minnu pprezentat, aktar u aktar meta din ix-xhieda u dokument mhumiex kontestati mill-konvenut li l-anqas indenja ruhu jidher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-ispjegazzjoni li jidhirlu li ghandu jaghti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur, jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur l-ammont ta' €249.00 ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra l-konvenut. B'dan illi wara l-hlas il-konvenut ikollu dritt jiehu lura l-cooker imsemmi.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Nadia Azzopardi

vs

Matthew Busuttil

CCT/ 204/15MS

6 ta' Marzu 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-14 ta' Ottubru 2015 fejn talbet lil dan it-Tribunal li tikkundanna lill-intimat li jirrifondilha s-somma ta' €140.00 prezz ta' slimming treatment course li skond ir-rikorrenti ma rnexxiex.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentata fis-26 Ottubru 2015 fejn cahad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe kaz huwa qeda l-obbligu tieghu versu l-attrici.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fil-11 ta' April 2015 ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' €140.00 ghall-trattament ghat-tnaqqis fil-piz li kien reklamat *online* mill-intimat. F'dan ir-riklam kien hemm indikat li dan il-kors kellu jkollu tnax - il sezzjoni bi trattamenti varji kif reklamat fuq l-istess *website.* L-attrici attendiet ghal dan il-kors fl-intier tieghu ghad illi mar-raba sessjoni ilmentat li ma kenitx qed tara progress. Madankollu baqghet tattendi s-sessjonijiet kollha u saru l-interventi kollha kif reklamati. Fl-ahhar tal-kors dehrilha li ma kenitx sodisfatta bir-rizultat u talbet il-flus kollha lura. Argumentat illi hi dahhlet ghal dan il-kors biex titlef *inches* u mhux ghall-piz u ghalhekk la r-rizultat ma ntlahaqx kellha tiehu l-flus lura. Ilmentat ukoll illi meta talbet illi l-*inches* jigu mkejla l-intimat qalilha li ma kellux cans ghal dan.

Illi min-naha l-ohra l-intimat jirrikonoxxi li r-rikorrenti kienet klijenta tieghu u hallset ghal trattament ta' tnax- il sessjoni kif kien reklamat f'*website* tieghu. Dawn it-trattamenti saru kollha pero ma jiftakarx li hi r-rikorrenti ghamlet xi talba specjali fil-bidu nett tal-kors. Fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal l-intimat qal li l-kejl mhuwiex parti minn dan il-kors ghad li hemm trattamenti ohra fejn dan il-kejl jista' jsir, liema trattament dahal fis-suq wara li l-kors tal-attrici kien kompletat.

Ikkunsidra

Illi l-punti legali x'jigu kkunsidrati f'dan il-kaz huma dawk li jirrigwardaw l-obbligazzjoni tal-intimat bhala "provider tas-servizz" u l-obbligazzjoni tar-rikorrenti bhala ricevitur tal-istess servizz. L-obbligazzjoni principali tar-rikorrent hija li wara li tidentifika s-servizz li riedet, taccettax li thallas il-prezz mitlub. Darba l-hlas isir l-obbligazzjoni tar-rikorrent tkun qdietu u tidhol fir-*realm* tad-drittijiet, bi dritt li tircievi is-servizz kontrattat fl-intier tieghu.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat, wara li jircievi l-hlas li huwa dritt tieghu, ghandu l-obbligu illi jipprovdi s-servizz kollu reklamat u xejn iktar. Fdan il-kaz, it-Tribunal isib li z-zewg partijiet qdew l-obbligazzjonijiet fl-intier taghhom. Ir-rikorrenti hallset l-ammont mitlub u l-intimat ipprovda s-servizz reklamat. Ir-rikorrenti mhijiex qieghda tilmenta li l-intimat naqas li jipprovdi *item* wahda tas-servizzi li kienu parti minn dan il-kors u l-anqas ma hi qed tilmenta minn xi nuqqas ta' professjonalita' mill-istaff tal-intimat.

It-trattament haditu kollu kif reklamat u kif suppost. Il-fatt illi hi ma kenitx kontenta bir-rizultat ma kienx tort tal-kors jew il-metodu uzat biex jigi attwat izda kien ghall-fatt li l-aspettattivi taghha kienu oltre dak li kellu jigi provdut mill-kors. Ta' min isemmi li r-rikorrenti diga bdiet il-kors b'biz u statura ferm zghira (46 kilos) u ghal persona adulta, ma tantx tista' titlef minn dan il-piz minghajr ma tidhol fir-realm ta' perkilu ghas-sahha. L-attrici tghid li dahhlet ghal dan il-kors ghax riedet titlef l-*inches* u mhux piz, izda kif reklamat, ma fih ebda indikazzjoni li jista' jaghmel xi haga ghall-*inches* minghajr ukoll ma jaffetwa l-piz. Fil-fatt fir-reklam jinghad "with the course one is expected to lose a minimum of 2 kilos per week, and plenty of inch loss and toning will be evident.' Minn dan il-kliem it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-ghan principali ta' dan il-kors huwa t-telf tal-piz filwaqt li i*nch loss and tonin*g huma konsegwenzjali ghal dan it-telf fil-piz, izda mhux in izolament. Ergo skond kif jifhimha tt-Tribunal, ma jistax ikollok *inch loss* minghajr ma titlef ukoll il-piz.

Illi l-fatt li r-rikorrenti ma gietx imkejla ma jaghmel ebda differenza ghal trattament illi kienet ikkuntrattat li tircievi. Dana apparti illi imkien ma hemm indikat illi dan is-servizz kellu jinghata. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-intimat qeda l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu fl-intier kif suppost. Ir-rikorrenti irceviet dan is-servizz u ma tistax issa titlob il-flus lura ghax kellha aspettativa differenti minn dak li s-servizz kif reklamat kien sejjer joffri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddecidei li jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri
Arbitru LL.D